# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 688/2017MH**

**Illum, 23 ta' Ottubru, 2017**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Stephen Schembri (K.I. 434370M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-Bank attur Bank of Valletta p.l.c. prezentat fil-31 ta' Lulju 2017 li permezz tieghu esponew:

1. *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 23 ta' Marzu 2004, in atti Nutar Dottor Isabelle Gonzi, (Dok. "A") u skrittura privata datata 5 ta' Gunju 2006 (Dok. "B"), is-soċjetà attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Stephen Schembri;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut Stephen Schembri fis-somma ta' mija u tletin elf, hames mija u hamsa u erbghin Ewro u disghin centezmu (€130,545.90) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Stephen Schembri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3", "D1 sa D3", Dok. "E1 sa E3", Dok. "F1 sa F3" u Dok. "G1 sa G2") flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-19 ta' LuLju 2017 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fll-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Stephen Schembri:*

   *(a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Stephen Schembri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenut Stephen Schembri gie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 22 ta' Marzu 2016, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżibita u immarkata Dok 'H' sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huwa baqa' inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawza.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'Għandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qegħda hawn titlob li Din il-Qorti Jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument "A", u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Stephen Schembri (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Stephen Schembri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

2. *Tikkundanna lil Stephen Schembri iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tletin elf, hames mija u hamsa u erbghin Ewro u disghin centezmu (€130,545.90) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Stephen Schembri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3", "D1 sa D3", Dok. "E1 sa E3", Dok. "F1 sa F3" u Dok. "G1 sa G2") flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-19 ta' LuLju 2017 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 22 ta' Marzu 2016 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu inġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni."*

Rat in-nota ta' ammissjoni prezentata mill-intimat Stephen Schembri fl-1 ta' Settembru 2017, li permezz taghha espona:

*"Illi permezz taghha qed jammetti t-talbiet attrici fil-kawza fl-ismijiet premessi."*

Konsegwentement tilqa' t-talbiet kif dedotti bl-ispejjez a karigu ta' l-intimat.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Kristie Xuereb**
**Dep. Reg.**